KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-8 ta' Settembru 2016 [1]

**Kawża C-133/15**

**H. C. Chavez-Vilchez,**
**P. Pinas,**
**U. Nikolic,**
**X. V. García Perez,**
**J. Uwituze,**
**I. O. Enowassam,**
**A. E. Guerrero Chavez,**
**Y. R. L. Wip**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Centrale Raad van Beroep (Qorti tal-appell fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ċittadinanza tal-Unjoni — Artikolu 20 TFUE — Rifjut, fi Stat Membru, tad-dritt ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz li għandu l-kustodja effettiva tal-wild ta' età żgħira tiegħu, ċittadin ta' dan l-Istat Membru — Preżenza tal-ġenitur l-ieħor, ċittadin ta' dan l-Istat fit-territorju ta' dan l-istess Stat — Obbligu, taċ-ċittadin tal-Istat terz, li juri l-inkapaċità tal-ġenitur l-ieħor li jieħu ħsieb il-wild, liema inkapaċità ġġiegħel lill-wild jitlaq mit-territorju tal-Istat tan-nazzjonalità tiegħu jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lill-ġenitur ċittadin tal-Istat terz"

WerrejWerrej

I – Introduzzjoni ..... 3

II – Il-kuntest ġuridiku ..... 3

A – Id-dritt tal-Unjoni ..... 3

1. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ..... 3

2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ..... 3

3. Id-Direttiva 2004/38/KE ..... 3

B – Id-dritt Olandiż ..... 4

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

III – Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ..... 7

IV – Analiżi ..... 10

A – Kunsiderazzjonijiet preliminari ..... 10

1. Il-prinċipju tal-aħjar interess tal-wild ..... 10

2. Id-differenzi bejn is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali ..... 11

3. Il-prassi tal-organi amministrattivi Olandiżi u l-proċeduri fid-dritt tal-barranin ..... 12

B – Eżami tas-sitwazzjoni ta' H. C. Chavez-Vilchez u Y. R. L. Wip kif ukoll tat-tfal tagħhom mill-perspettiva tal-Artikolu 21(1) TFUE u tad-Direttiva 2004/38 ..... 13

1. Fuq l-effett tal-eżerċizzju tal-moviment liberu tat-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez ..... 14

2. Fuq l-effett tal-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment mit-tifla ta' Y. R. L. Wip ..... 17

C – Eżami tas-sitwazzjonijiet tat-tfal li dejjem baqgħu jirrisjedu fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħhom, flimkien ma' ommijiethom li għandhom il-kustodja effettiva, mill-perspettiva tal-Artikolu 20 TFUE ..... 18

1. L-ewwel u t-tieni domanda preliminari ..... 18

2. Fuq it-tielet domanda preliminari ..... 23

V – Konklużjoni ..... 22

I –

## II – **Introduzzjoni**

1. Id-domandi magħmula mis-Centrale Raad van Beroep (Qorti tal-appell fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi) jirrigwardaw, essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 20 TFUE jipprekludix li Stat Membru jirrifjuta d-dritt ta' residenza lil wieħed mill-ġenituri, ċittadin ta' Stat terz, ta' wild ta' età żgħira li huwa ċittadin ta' dan l-Istat Membru li fih dejjem għex, minkejja li għandu l-kustodja effettiva, meta ma jiġix stabbilit li l-ġenitur l-ieħor, li huwa ċittadin ta' dan l-Istat Membru, jista' jassumi l-kustodja effettiva tal-wild.

2. Il-qorti tar-rinviju tindika li mill-prattika amministrattiva Olandiża jirriżulta li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Ruiz Zambrano [2] hija interpretata b'mod restrittiv, sal-punt li jiġi kkunsidrat li, fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, it-tluq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea ta' ġenitur ċittadin ta' Stat terz ma jċaħħadx lill-wild, ċittadin tal-Unjoni, mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet li huwa

2 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124).

għandu abbażi tal-istatus tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni. Skont l-awtoritajiet Olandiżi kompetenti, din il-ġurisprudenza tapplika biss jekk il-missier ma jkunx f'pożizzjoni li jieħu ħsieb il-wild, għax miet, jinsab il-ħabs, irrikoverat fi stabbiliment psikjatriku, inkapaċi jew ma jinstabx, jew jekk it-talba tiegħu sabiex jingħata l-kustodja ta' dan il-wild ċittadin tal-Unjoni kienet miċħuda minn qorti.

3. F'din is-sentenza, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi miżuri nazzjonali li għandhom l-effett li jċaħħdu ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet li dawn iċ-ċittadini għandhom abbażi tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, ċertament ittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju tal-aħjar interess tal-wild. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ser iwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza dan il-prinċipju b'mod, fl-opinjoni tiegħi, iktar evidenti.

## III – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

#### 1. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

4. L-Artikolu 20(1) TFUE jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jipprovdi li "kwalunkwe persuna li għandha ċ-ċittadinanza ta' Stat Membru" hija ċittadina tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 20(2)(a) TFUE, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom "id-dritt ta' moviment liberu u d-dritt ta' residenza libera fit-territorju ta' l-Istati Membri".

5. L-Artikolu 21(1) TFUE jżid li dan id-dritt japplika "salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u ddispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq".

#### 2. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

6. L-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja" jipprovdi li "[k]ull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha".

#### 3. Id-Direttiva 2004/38/KE [3]

7. L-Artikolu 5(1) u (4) tad-Direttiva 2004/38/KE jipprovdi li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet dwar dokumenti ta' vjaġġar applikabbli fil-kontrolli tal-fruntieri nazzjonali, l-Istati Membri għandhom iħallu jidħlu fit-territorju tagħhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li għandhom karta ta' l-identità jew passaport li huma validi, kif ukoll lill-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru li għandhom passaport validu.

[…]

3 — **Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE** (ĠU 2004, L 158, p. 77).

4. Meta ċittadin ta' l-Unjoni, jew membru tal-familja li mhux ċittadin ta' Stat Membru, m'għandux id-dokumenti ta' vjaġġar neċessarji jew, jekk meħtieġ, il-visas neċessarji, l-Istat Membru kkonċernat, qabel ma jibgħathom lura, għandu jagħti lil dawn il-persuni kull opportunità raġonevoli biex jiksbu jew iġibu d-dokumenti neċessarji f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew inkella jistgħu juru jew jiċċertifikaw b'mezzi oħra li huma koperti mid-dritt ta' moviment liberu u residenza".

B – *Id-dritt Olandiż*

8. L-Artikolu 1 tal-Vreemdelingenwet 2000 (Liġi tal-2000 dwar il-barranin, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-barranin") jipprovdi kif ġej:

"Fis-sens tal-liġi preżenti u tad-dispożizzjonijiet adottati fuq il-bażi tagħha:

[…]

(e) ċittadini Komunitarji tfisser:

1° iċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li, skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, għandhom id-dritt jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u jirrisjedu hemmhekk;

2° il-membri tal-familja tal-persuni msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom in-nazzjonalità ta' pajjiż terz u li, abbażi ta' deċiżjoni meħuda skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, huma awtorizzati jidħlu u jirrisdjedu fuq it-territorju ta' Stat Membru;

[…]".

9. L-Artikolu 8 ta' din il-liġi jistabbilixxi:

"Barrani għandu d-dritt joqgħod legalment fil-Pajjiżi l-Baxxi biss:

[…]

(e) bħala ċittadin Komunitarju, safejn huwa jirresjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi skont leġiżlazzjoni adottata skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(f) jekk, sakemm tingħata deċiżjoni dwar applikazzjoni għal permess ta' residenza […] din il-liġi, dispożizzjoni adottata skont din il-liġi jew deċiżjoni ġudizzjarja tipprovdi li ma hemmx lok li ċ-ċittadin barrani jitkeċċa sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu;

(ġ) jekk, sakemm tingħata deċiżjoni fuq applikazzjoni għal permess ta' residenza […] jew għall-estensjoni tat-tul ta' permess ta' residenza […], jew għall-emenda ta' permess ta' residenza, din il-liġi, dispożizzjoni adottata skont din il-liġi jew deċiżjoni ġudizzjarja tipprovdi li ma hemmx lok li ċ-ċittadin barrani jitkeċċa sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu;

(h) jekk, sakemm tingħata deċiżjoni fuq rikors amministrattiv jew ġudizzjarju, din il-liġi, dispożizzjoni adottata skont din il-liġi jew deċiżjoni ġudizzjarja tipprovdi li ma hemmx lok li ċ-ċittadin barrani jitkeċċa sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni dwar l-imsemmi rikors".

10. L-Artikolu 10 ta' din l-istess liġi jistabbilixxi:

"1. Iċ-ċittadin barrani li ma jkollux residenza regolari ma jistax jitlob benefiċċji u allowances mogħtija minn organu amministrattiv. L-ewwel frażi hija applikabbli *mutatis mutandis* għall-eżenzjonijiet u għall-awtorizzazzjonijiet mogħtija mil-liġi jew minn miżura ġenerali ta' amministrazzjoni.

2. Jista' jkun hemm deroga mill-paragrafu (1) meta t-talba tirrigwarda studji, il-provvista ta' kura medika neċessarja, il-prevenzjoni ta' preġudizzji għas-saħħa pubblika jew l-assistenza legali liċ-ċittadini barranin.

3. Deċiżjoni li tilqa' talba ma tagħtix dritt ta' residenza regolari".

11. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-eżekuzzjoni tal-Liġi dwar il-barranin taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-iStaatsecretaris van Veiligheid en Justitie (Segretarjat tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja, iktar 'il quddiem is-"Segretarjat tal-Istat"). L-Immigratie-en Naturalisatiedienst [Dipartiment tal-Immigrazzjoni u tan-Naturalizzazzjoni (IND)] huwa responsabbli, fost funzjonijiet oħra, mill-implementazzjoni tal-Liġi dwar il-barranin sa fejn dan is-servizz jeżamina l-applikazzjonijiet kollha għal permess ta' residenza u jiddeċiedi dwarhom għan-nom tas-Segretarjat tal-Istat [4].

12. Il-Vreemdelingencirculaire 2000 (Ċirkulari tal-2000 dwar il-barranin, iktar 'il quddiem iċ-"Ċirkulari dwar il-barranin") tikkonsisti f'ġabra ta' direttivi maħruġa mis-Segretarjat tal-Istat. Din iċ-ċirkulari hija aċċessibbli għal kulħadd u kulħadd jista' jinvoka d-direttivi. Waqt l-eżami tal-applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza, li għalihom huwa nnominat bħala awtorità nazzjonali kompetenti, l-IND għandu josserva dawn id-direttivi. Huwa jista' jevitahom biss jekk jagħti motivazzjoni u f'każijiet eċċezzjonali li ma ġewx ikkunsidrati waqt ir-redazzjoni tagħhom.

13. Iċ-Ċirkulari dwar il-barranin, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-kawżi prinċipali, Parti B, Taqsima 2.2, tinkludi d-direttivi segwenti:

"Iċ-ċittadin barrani jkun f'residenza regolari fis-sens tal-[Liġi dwar il-barranin] meta huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet segwenti kollha:

— iċ-ċittadin barrani għandu wild minuri li għandu nazzjonalità Olandiża;

— il-wild huwa taħt ir-responsabbiltà taċ-ċittadin barrani u joqgħod miegħu, u

— jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat liċ-ċittadin barrani, il-wild ikollu jsegwih u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

Fi kwalunkwe każ, l-IND ma jkkunsidrax li l-wild [li missieru jew ommu hija ċittadin barrani] huwa obbligat li jsegwi [lill-ġenitur barrani tiegħu] u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, jekk ikollu ġenitur ieħor li għandu residenza regolari skont […] il-[Liġi dwar il-barranin], jew li għandu nazzjonalità Olandiża, u jekk dan il-ġenitur jista' effettivament jieħu ħsieb il-wild.

L-IND jikkunsidra, fi kwalunkwe każ, li l-ġenitur l-ieħor jista' effettivament jieħu ħsieb il-wild jekk:

— huwa għandu l-kustodja tal-wild jew għadu jista' jingħata l-kustodja, u

4 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kawżi fil-qasam tad-dritt taċ-ċittadini barranin, il-qorti suprema hija s-sezzjoni tad-dritt amministrattiv tar-Raad van State (Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi). Fil-kawżi dwar il-Wet Werk en Bijstand (Liġi dwar ix-Xogħol u l-Għajnuna Soċjali, hija l-qorti tar-rinviju li teżerċita l-ogħla ġurisdizzjoni. Fil-kawżi dwar l-Algemene Kinderbijslagwet (Liġi dwar l-Allowances tal-Familja, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Allowances tal-Familja") id-deċiżjonijiet tal-qorti tar-rinviju jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "assigurat", inkluż l-aspetti ta' dan il-kunċett fid-dritt internazzjonali.

— jista' jirrikorri, sabiex jieħu ħsieb il-wild u għall-edukazzjoni tiegħu, għal għajnuna u assistenza pprovduta mill-awtoritajiet jew minn organi soċjali. L-IND jinkludi wkoll f'din il-kategorija l-għoti ta' allowance ffinanzjata mill-baġit tal-Istat u li kull Olandiż li jgħix fil-Pajjiżi l-Baxxi jista', fil-prinċipju, jitlob.

L-IND jikkunsidra, fi kwalunkwe każ, li l-ġenitur l-ieħor ma jistax effettivament jieħu ħsieb lill-wild meta huwa:

— jinsab taħt detenzjoni, jew

— jiġi stabbilit li l-kustodja tal-wild ma tistax tingħata lilu".

14. Skont il-leġiżlazzjoni Olandiża, il-ġenituri ċittadini ta' Stat terz għandhom jibbenefikaw mid-dritt ta' residenza sabiex ikunu jistgħu jitolbu l-allowances previsti mil-Liġi dwar l-għajnuna soċjali jew mil-Liġi dwar l-allowances tal-familja.

15. Fl-1 ta' Lulju 1998, daħlet fis-seħħ il-Liġi li temenda l-Liġi dwar il-barranin u xi liġijiet oħra, tas-26 ta' Marzu 1998, u li hija intiża sabiex tissuġġetta għal residenza regolari fil-Pajjiżi l-Baxxi t-talba miċ-ċittadini barranin, mingħand organi amministrattivi, ta' benefiċċji, allowances, eżenzjonijiet u awtorizzazzjonijiet. Din il-liġi hija wkoll imsejħa "Liġi ta' koordinament". Għaċ-ċittadini barranin li ma humiex ċittadini tal-Unjoni, din il-liġi introduċiet, fil-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna soċjali, ir-rekwiżit li għandu jinkiseb mill-awtorità kompetenti permess ta' residenza sabiex persuna tkun assimilata ma' persuna Olandiża, u fil-Liġi dwar l-allowances tal-familja, obbligu ekwivalenti sabiex ikun ikkunsidrat bħala assigurat.

16. L-applikazzjoni għal permess ta' residenza għandha ssir mal-IND. Dan id-dipartiment jiddeċiedi dwar id-dritt ta' residenza għan-nom tas-Segretarjat tal-Istat.

17. L-applikazzjonijiet għall-allowances tal-familja skont il-Liġi dwar l-allowances tal-familja għandhom jiġu ppreżentati quddiem is-Sociale verzekeringsbank [Fond ta' assigurazzjoni soċjali (SvB)].

18. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna skont il-Liġi dwar l-għajnuna soċjali għandhom jiġu ppreżentati fil-Kunsill Lokali fejn il-persuna kkonċernata hija domiċiljata.

19. L-Artikolu 11 tal-Liġi dwar l-għajnuna soċjali jipprovdi kif ġej:

"1. Kull Olandiż residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi li jinsab jew qiegħed f'riskju li jinsab, fit-territorju nazzjonali, f'sitwazzjoni li ma jkollux il-mezzi ta' għajxien neċessarji, jista' jitlob għajnuna soċjali pubblika.

2. Għandu jiġi kkunsidrat bħala Olandiż bħal dak previst fil-paragrafu (1) kull ċittadin barrani residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi li joqgħod hemm b'mod regolari fis-sens tal-Artikolu 8(a) sa (e) u (l) tal-[Liġi dwar il-barranin], bl-eċċezzjoni tal-każijiet previsti fil-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE.

[…]".

20. L-Artikolu 16 ta' din il-liġi jipprovdi kif ġej:

"1. B'deroga għal din it-taqsima, il-Kunsill [Lokali] jista' jagħti għajnuna lil persuna li ma għandhiex dritt għal għajnuna soċjali jekk din il-miżura tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal ċittadini barranin ħlief għal dawk previsti fl-Artikolu 11(2) u (3)".

21. L-Artikolu 6 tal-Liġi dwar l-allowances tal-familja jipprovdi dan li ġej:

“1. L-assigurat fis-sens tad-dispożizzjonijiet ta’ din il-liġi huwa dak li:

(a) huwa resident;

(b) mingħajr ma huwa resident, huwa suġġett għal taxxa fuq id-dħul minħabba attività bħala persuna impjegata eżerċitata fil-Pajjiżi l-Baxxi.

2. Ma huwiex assigurat iċ-ċittadin barrani li ma jirresjedix b’mod regolari fis-sens tal-Artikolu 8(a) sa (e) u (l), tal-[Liġi dwar il-barranin]”.

## IV – **Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

22. It-tmien kawżi prinċipali jirrigwardaw applikazzjonijiet għal allowances ta’ għajnuna soċjali (bijstandsuitkering) skont il-Liġi dwar l-għajnuna soċjali u/jew applikazzjonijiet għal allowances tal-familja (kinderbijslag) skont il-Liġi dwar l-allowances tal-familja, ippreżentati mir-rikorrenti.

23. H. C. Chavez Vilchez, ċittadina Venezweljana, daħlet b’visa turistika fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2007-2008 sabiex tagħmel żjara lil Koopman, ċittadin Olandiż. Fit-30 ta’ Marzu 2009, il-koppja kellhom tifla, Angelina, li ġiet irrikonoxxuta minn Koopman u għalhekk għandha nazzjonalità Olandiża. It-tlieta li huma għexu fil-Ġermanja sal-2011. F’Ġunju 2011, Koopman ġiegħel lil H. C. Chavez Vilchez titlaq mir-residenza tagħhom mat-tifla. H. C. Chavez Vilchez u t-tifla tagħha telqu mill-Ġermanja u marru mbagħad fiċ-ċentru ta’ akkoljenza ta’ urġenza tal-Komun ta’ Arnhem (il-Pajjiżi l-Baxxi), fejn baqgħu għal xi żmien. H. C. Chavez Vilchez assumiet imbagħad il-kustodja tat-tifla tagħha u ddikjarat li Koopman ma jikkontribwixxi la għall-għajxien u lanqas għall-edukazzjoni tagħha.

24. P. Pinas, ċittadina Surinamjana, kellha sa mill-2004 permess ta’ residenza, li ġie rtirat fl-2006. Hija ddomiċiljata f’Almere (il-Pajjiżi l-Baxxi) u hija omm ta’ erbat itfal. Shine, waħda mit-tfal tagħha, twieldet fit-23 ta’ Diċembru 2009 mir-relazzjoni tagħha ma’ Mawny, raġel ta’ nazzjonalità Olandiża. Hija ġiet irrikonoxxuta minn missierha u għalhekk għandha nazzjonalità Olandiża. P. Pinas u Mawny għandhom il-kustodja ta’ binthom iżda jgħixu separatament u dan tal-aħħar ma jikkontribwixxix għall-għajxien tat-tifla tiegħu. Huma jinsabu f’kuntatt iżda ma hemm l-ebda ftehim dwar id-dritt ta’ aċċess.

25. U. Nikolic waslet fil-Pajjiżi l-Baxxi minn wieħed mill-pajjiżi tal-ex-Jugoslavja fl-2003. In-nazzjonalità tagħha ma hijiex ċerta, minħabba nuqqas ta’ dokumenti ta’ identità. Skont il-qorti tar-rinviju, jista’ jkun li hija Kroata. L-applikazzjoni għal permess ta’ residenza tagħha ġiet miċħuda fl-2009. Fis-26 ta’ Jannar 2010 twieldet tifla, Esther, mir-relazzjoni tagħha ma’ van de Pluijm, ċittadin Olandiż. It-tifla ġiet irrikonoxxuta minn van de Pluijm u għandha għalhekk nazzjonalità Olandiża. U. Nikolic hija ddomiċiljata f’Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) u għandha l-kustodja tat-tifla tagħha. It-tnejn li huma jgħixu f’ċentru ta’ akkoljenza tal-Komun tagħhom. U. Nikolic iddikjarat li ma tistax tikkoabita mal-missier tat-tifla tagħha minħabba l-fatt li jsegwi programm ta’ akkomodazzjoni assistita.

26. X. V. García Pérez, ċittadina Nikaragwana, waslet fl-2001-2002 fil-Pajjiżi l-Baxxi mill-Costa Rica akkumpanjata minn Schwencke, ċittadin Olandiż. Fid-9 ta’ April 2008, mir-relazzjoni tagħhom twieldet tifla, Angely. Hija ġiet irrikonoxxuta minn Schwencke u għandha għalhekk nazzjonalità Olandiża. X. V. García Pérez hija ddomiċiljata f’Haarlem (il-Pajjiżi l-Baxxi) u għandha l-kustodja tat-tifla tagħha. Schwencke ma jikkontribwixxix għall-għajxien ta’ Angely u d-domiċilju attwali tiegħu ma huwiex magħruf. Ir-reġistru tal-popolazzjoni jindika li huwa telaq lejn il-Costa Rica fit-8 ta’ Lulju 2009. X. V. García Pérez għandha wild ieħor li Schwencke ma huwiex missieru. Il-familja tgħix f’ċentru ta’ akkoljenza tal-Komun.

27. Fit-12 ta' Diċembru 2011, J. Uwituze, ċittadina Rwandiża, welldet tifla, Habibatou. Fofana, raġel ta' nazzjonalità Olandiża, irrikonoxxa lit-tifla, li għalhekk għandha l-istess nazzjonalità ta' missierha. M Fofana ma jikkontribwixxi la fit-teħid tar-responsabbiltà u lanqas fl-edukazzjoni ta' bintu. Huwa ddikjara li la jista' u lanqas irid jieħu ħsiebha. J. Uwituze hija ddomiċiljata fi Bois-le-Duc (il-Pajjiżi l-Baxxi) u tgħix flimkien mat-tifla tagħha f'ċentru ta' akkoljenza tal-Komun tagħhom.

28. Y. R. L. Wip, ċittadina Surinamjana, welldet żewġ ulied, Shalomie, fil-25 ta' Novembru 2009 u Joe fit-23 ta' Novembru 2012. Panka u l-ulied għandhom nazzjonalità Olandiża. Minkejja l-fatt li r-relazzjoni tal-koppja spiċċat, Panka għandu kuntatt mal-ulied diversi drabi kull ġimgħa. Huwa jirċievi allowance ta' għajnuna soċjali kif ukoll allowance tal-familja. Huwa jagħti l-allowance tal-familja lil Y. R. L. Wip iżda ma jikkontribwixxix għall-għajxien tal-ulied. Y. R. L. Wip hija ddomiċiljata f'Amsterdam.

29. I. O. Enowassam, ċittadina Kamerunjana, waslet fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-1999. Mir-relazzjoni tagħha ma' Arrey, raġel ta' nazzjonalità Olandiża, twieldet tifla, Philomena, fit-2 ta' Mejju 2008. Arrey irrikonoxxa lil Philomena, li għalhekk għandha nazzjonalità Olandiża. I. O. Enowassam u Arrey għandhom il-kustodja konġunta ta' binthom iżda jgħixu separati. Philomena hija rreġistrata bħala li toqgħod fl-indirizz ta' Arrey iżda fir-realtà tgħix ma' ommha, iddomiċiljata f'The Hague (il-Pajjiżi l-Baxxi). Huma ntlaqgħu fi struttura ta' akkoljenza ta' urġenza tal-Komun ta' The Hague. Il-modalitajiet tad-dritt ta' aċċess bejn Arrey u t-tifla tiegħu ġew stabbiliti. Hija toqgħod tliet weekends f'xahar id-dar ta' missierha u tqatta' diversi vaganzi miegħu. Arrey iħallas EUR 200 kull xahar bħala manteniment. Huwa jirċievi wkoll allowance tal-familja li huwa jagħti lil I. O. Enowassam. Arrey jaħdem full-time u ddikjara li għal din ir-raġuni huwa ma jistax jieħu ħsieb it-tifla tiegħu.

30. A. E. GuerreroChavez, ċittadina Venezweljana, waslet fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-24 ta' Ottubru 2007 u mbagħad irritornat fil-Venezwela fit-2 ta' Novembru 2009. Hija reġgħet ġiet fil-Pajjiżi l-Baxxi f'Jannar 2011 u attwalment hija ddomiċiljata f'Schiedam (il-Pajjiżi l-Baxxi). Mir-relazzjoni tagħha ma' Maas, ċittadin Olandiż, twieled Salamo, fil-31 ta' Marzu 2011. Maas, irrikonoxxa lit-tifel, li għalhekk għandu nazzjonalità Olandiża. Mass u A. E. Guerrero Chavez huma separati u ma joqogħdux flimkien iżda A. E. Guerrero Chavez u t-tifel tagħha joqogħodu ma' missier u ħu Maas. Maas għandu kuntatt kważi ta' kuljum mat-tifel iżda ma huwiex lest jieħu ħsiebu u jikkontribwixxi għall-ispejjeż b'mod limitat. A. E. Guerrero Chavez tieħu ħsieb it-tifel kuljum u għandha l-kustodja tiegħu.

31. L-applikazzjonijiet għall-allowances ta' għajnuna soċjali u/jew għall-allowances tal-familja tar-rikorrenti kollha kienu miċħuda bid-deċiżjonijiet kkontestati tal-korpi amministrattivi Olandiżi kkonċernati minħabba li, skont il-leġiżlazzjoni Olandiża, ir-rikorrenti ma għandhom, minħabba l-istatus tagħhom fir-rigward tad-dritt ta' residenza, ebda dritt għal tali allowances. Fil-fatt, skont din il-leġiżlazzjoni, il-ġenitur li ma għandux status validu partikolari fil-qasam tar-residenza la huwa "benefiċjarju" (rechthebbende) u lanqas "assigurat" (verzekerde) u għalhekk ma jistax jitlob allowance.

32. Matul il-perijodi kkonċernati fir-rifjut tal-applikazzjonijiet għall-allowance imsemmija iktar 'il fuq [5], l-applikazzjonijiet tar-rikorrenti għal permess ta' residenza ġew miċħuda skont il-Liġi dwar il-barranin. Matul dawn il-perijodi, uħud minnhom instabu f'sitwazzjoni ta' residenza regolari, essenzjalment matul it-terminu li matulu kienet mistennija deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal permess ta' residenza. Matul dawn il-perijodi (jew tal-inqas, parti minnhom), l-oħrajn irrisjedew fil-Pajjiżi l-Baxxi b'mod irregolari u kellhom jitilqu l-pajjiż fuq inizjattiva tagħhom stess. Ebda miżura ma ttieħdet sabiex jittieħdu lejn il-fruntiera. Ir-rikorrenti ma kinux awtorizzati jaħdmu.

33. Ir-rikorrenti ppreżentaw quddiem is-Centrale Raad van Beroep (Qorti tal-appell fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku) rikors kontra d-deċiżjonijiet li rrifjutawlhom il-benefiċċju tal-allowances mitluba.

5 — Dawn il-perijodi huma perijodi trimestrali li seħħew bejn l-2010 u l-2013 għal kull waħda mir-rikorrenti.

34. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-rikorrenti, li kollha għandhom nazzjonalità ta' Stat terz, jistgħux, bħala ommijiet ta' wild ċittadin tal-Unjoni, ikollhom dritt ta' residenza skont l-Artikolu 20 TFUE fiċ-ċirkustanzi deskritti iktar 'il fuq. Hija tikkunsidra li, jekk dan huwa l-każ, ir-rikorrenti jistgħu jipprevalixxu mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar l-għajnuna soċjali u tal-Liġi dwar l-allowances tal-familja li jikkunsidrawhom bħal Olandiżi sabiex jinvokaw dritt potenzjali għal benefiċċju skont dawn il-liġijiet.

35. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tiddeduċi mis-sentenzi Ruiz Zambrano[6] u Dereci *et*[7] li r-rikorrenti għandhom dritt ta' residenza li huma jibbażaw direttament fuq l-Artikolu 20 TFUE u li jirriżulta mid-dritt ta' residenza tal-wild tagħhom peress li jinsabu f'sitwazzjoni kif deskritta f'dawk is-sentenzi. Fil-fehma tagħha, għandu jiġi ddeterminat jekk iċ-ċirkustanzi humiex tali li l-wild ikun obbligat, fil-fatt, iħalli t-territorju tal-Unjoni jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lil ommu. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, x'importanza għandha tingħata, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, lill-fatt li l-missier ċittadin tal-Unjoni jirrisjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi.

36. Huwa f'dan il-kuntest li s-Centrali Raad van Beroep (Qorti tal-appell fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku), permezz tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu 2015, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Marzu 2015, iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru milli jirrifjuta dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu lil ċittadin ta' pajjiż terz li ta' kuljum jieħu effettivament ħsieb il-wild minuri tiegħu li huwa ċittadin ta' dan l-Istat Membru?

2. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa rilevanti li l-piż legali, finanzjarju u/jew emozzjonali ma huwiex eżerċitat esklużivament minn dan il-ġenitur u li, barra minn hekk, ma huwiex eskluż li l-ġenitur l-ieħor, li jkun ċittadin tal-Istat Membru, jista' *de facto* jkun f'pożizzjoni li jieħu ħsieb il-wild tiegħu?

3. F'dan il-każ, il-ġenitur/iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jistabbilixxi b'mod konvinċenti li l-ġenitur l-ieħor ma jistax jieħu ħsieb il-wild, b'tali mod li l-wild ikun meħtieġ iħalli t-territorju tal-Unjoni jekk il-ġenitur/iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiċċaħħad minn dritt ta' residenza?"

37. Fuq talba tal-qorti tar-rinviju, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li din il-kawża għandha tingħata prijorità abbażi tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

38. Saru osservazzjonijiet bil-miktub minn H. C. Chavez Vilchez u Y. R. L. Wip, mill-Gvern Olandiż, mill-Gvern Belġjan, mill-Gvern Daniż, mill-Gvern Litwan, mill-Gvern Pollakk u mill-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. H. C. Chavez Vilchez u Y. R. L. Wip, il-Gvern Daniż, il-Gvern Franċiż, il-Gvern Litwan, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Pollakk u l-Gvern tar-Renju Unit u l-Gvern Norveġiż kif ukoll il-Kummissjoni għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li nżammet fl-10 ta' Mejju 2016.

## V – **Analiżi**

39. Preliminarjament, ser neżamina l-premessi li fuqhom il-qorti tar-rinviju bbażat id-deċiżjoni tagħha qabel nanalizza l-aspetti essenzjali tad-domandi li hija għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

6 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124).

7 — Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011 (C-256/11, EU:C:2011:734).

A – *Kunsiderazzjonijiet preliminari*

40. Qabel xejn, nixtieq infakkar li l-qorti tar-rinviju hija l-unika waħda li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża li għandha quddiemha kif ukoll sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali [8].

41. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ser nipproċedi għal analiżi fi tliet partijiet. Fl-ewwel lok, ser nagħmel riferiment għall-prinċipju ta' supremazija tal-aħjar interess tal-wild. Fit-tieni lok, sabiex nifhmu aħjar is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ser neżamina d-differenzi ta' dawn is-sitwazzjonijiet. Fit-tielet lok, ser nippreżenta l-kuntest li fih jaqgħu dawn is-sitwazzjonijiet, billi nesponi l-kunsiderazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju dwar il-leġiżlazzjoni u l-prattika amministrattiva Olandiża anki fit-tmiem tal-applikazzjonijiet għal dritt ta' residenza tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-kuntest tal-proċeduri mibdija fir-rigward tad-dritt taċ-ċittadini barranin.

1. Il-prinċipju tal-aħjar interess tal-wild

42. Is-supremazija tal-aħjar interess tal-wild huwa wieħed mill-prinċipji mifrux fl-ordinament legali tal-Unjoni [9].

43. Minn naħa waħda, l-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, konkluża fi New York fl-20 ta' Novembru 1989 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal") [10]. Skont l-Artikolu 3(1) ta' din il-konvenzjoni, "[f]l-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, kemm jekk jittieħdu minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati tal-protezzjoni soċjali, qrati tal-liġi, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, il-kunsiderazzjoni primarja għandha tkun l-aħjar interess tat-tfal" [11]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tfakkar li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal torbot lil kull Stat Membru u li dan it-test jinsab fost l-istrumenti internazzjonali li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li hija tqis għall-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [12].

44. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(3) TUE li fl-ewwel inċiż tiegħu jipprovdi li "l-Unjoni tistabilixxi suq intern", fit-tieni inċiż tiegħu jipprovdi li l-Unjoni "tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u *l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal*". Barra minn hekk, id-drittijiet tat-tfal huma inklużi fil-Karta [13]. Fl-Artikolu 24 tagħha, din tirrikonoxxi lit-tfal bħala detenturi tad-drittijiet, b'mod indipendenti u awtonomu. Dan l-artikolu jikkunsidra l-aħjar interess tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet privati [14].

8 — Għal dimostrazzjoni reċenti ta' din il-ġurisprudenza stabbilita, ara s-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2016, Hünnebeck (C-479/14, EU:C:2016:412, punt 36).

9 — Għall-ġabra tal-acquis tal-Unjoni għal dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-wild, ara Il-Kummissjoni Ewropea, DG Ġustizzja, *EU acquis and policy documents on the rights of the child*, Diċembru 2015, p. 1 sa 83.

10 — Din il-konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990.

11 — L-Artikolu 9(1) ta' din l-istess konvenzjoni jipprovdi li "[l-]Istati partijiet għandhom jiżguraw li l-wild ma jkunx separat mill-ġenituri tiegħu kontra l-volontà tiegħu, sa fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux, minghajr ħsara tar-reviżjoni ġudizzjarja u skont il-liġijiet u proċeduri applikabbli, li din is-separazzjoni hija neċessarja fl-aħjar interess tal-wild. Deċiżjoni f'dan is-sens tista' tkun neċessarja f'ċerti każijiet partikolari, pereżempju meta l-ġenituri jittrattaw ħażin jew jinjoraw lill-wild, jew meta dawn jgħixu separatament u għandha tittieħed deċiżjoni fir-rigward tal-post ta' residenza tal-wild".

12 — Ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Ċertament, id-dispożizzjonijiet tal-Karta jindirizzaw biss, skont l-Artikolu 51(1) tagħha, lill-Istati Membri meta dawn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, f'dan il-każ, jekk wara l-eżami tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġi kkunsidrat li l-imsemmija sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina jekk ir-rifjut tad-dritt ta' residenza dderivat tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-allowances inkwistjoni jippreġudikawx id-dritt tar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja previst fl-Artikolu 7 tal-Karta. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 72).

14 — Ara, wkoll, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-15 ta' Frar 2011, intitolata "Programm tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal" [KUM (2011) 60 finali, p. 3].

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat il-prinċipju tas-supremazija tal-aħjar interess tat-tfal bħala l-mera li minn ġo fiha għandhom jinqraw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [15].

46. B'mod iktar preċiż, għal dak li jirrigwarda ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-Artikoli 20 TFUE u 21 TFUE, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet applikazzjoni koerenti tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u tad-dritt sekondarju [16]. Jidhirli b'mod partikolari li huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li "[il-wild ċittadin tal-Unjoni] jista' jinvoka d-*drittijiet ta' moviment liberu u ta' residenza* ggarantiti mid-dritt [tal-Unjoni]. Il-kapaċità ta' ċittadin ta' Stat Membru li jkun intitolat għad-drittijiet iggarantiti mit-Trattat u mil-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-moviment liberu ta' persuni ma tistax tiġi suġġetta għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun kisbet l-età meħtieġa sabiex ikollha l-kapaċità ġuridika li teżerċita hija stess l-imsemmija drittijiet" [17].

47. Dan il-prinċipju jikkostitwixxi l-punt tat-tluq tal-analiżi tiegħi.

2. Id-differenzi bejn is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali

48. Qabel xejn għandu jiġi ppreċiżat li, mill-eżami tas-sitwazzjonijiet fil-kawża prinċipali, huwa evidenti n-nuqqas ta' omoġenità tagħhom.

49. Huwa minnu li kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, it-tmien rikorrenti fil-kawża prinċipali huma ċittadini ta' Stati terzi, li ma għandhomx permessi ta' residenza validi [18] u ommijiet tal-inqas ta' wild wieħed ta' età żgħira (minn 3 sa 7 snin), ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fl-Istat Membru tagħhom, f'dan il-każ ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Dawn it-tfal kollha ġew irrikonoxxuti minn missirijiethom, ċittadini Olandiżi, iżda jgħixu ma' ommijiethom, li effettivament jieħdu ħsiebhom kuljum. F'kull sitwazzjoni, il-missier ma jgħixx, jew ma għadux jgħix, bħala familja mal-wild u l-omm matul il-perijodu kkonċernat mir-rifjut tal-applikazzjonijiet għall-allowances inkwistjoni.

50. Lil hinn minn dawn l-analoġiji, is-sitwazzjonijiet fil-kawża prinċipali jippreżentaw numru ta' partikolaritajiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

51. Għalhekk, għal dak li jirrigwarda, qabel xejn, is-sitwazzjoni tal-missirijiet ċittadini Olandiżi, il-kontribuzzjoni tagħhom għall-ispejjeż tal-għajxien tat-tfal rispettivi tagħhom u l-kustodja ta' dawn tal-aħħar, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kuntatti bejn it-tfal u missirijiethom huma frekwenti [19], jew rari, jew anki ineżistenti [20]. Fil-fatt, f'każ minnhom, il-missier ma nstabx [21] u f'każ ieħor qed isegwi

15 — Ara, b'mod partikolari, fir-rigward tad-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja tat-tfal ta' età żgħira li qatt ma użaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu u dejjem irrisjedew fl-Istat Membru li tiegħu għandhom in-nazzjonalità, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punti 76 sa 78). Għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-merkanzija, ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/06, EU:C:2008:85, punti 39 sa 42 u 52). Fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243), ara b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, EU:C:2009:225, punti 61 u 64).

16 — Għandu jiġi nnotat li l-koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandha tkun ir-riżultat ta' qari tad-dritt tal-Unjoni "mhux kollu kemm hu, iżda bħala ħaġa waħda". Ara f'dan is-sens, D. Simon, "Cohérence et ordre juridique communautaire", *Le droit, les institutions et les politiques de l'Union européenne face à l'impératif de cohérence*, V. Michel (ed.), Presses universitaires de Strasbourg, Strasbourg, 2009, p. 25 sa 40, u, b'mod partikolari p. 30. F'dan ir-rigward, Pierre Pescatore enfasizza l-importanza tal-qorti sabiex tkun żgurata l-koerenza ta' ordinament ġuridiku kumpless ibbażat fuq ir-relazzjonijiet tas-sistemi bejn diversi ordinamenti ġuridiċi. Ara P. Pescatore, *Le droit de l'intégration. Émergence d'un phénomène nouveau dans les relations internationales selon l'expérience des Communautés européennes*, A.W. Sijthoff, Leiden, 1972, p. 82.

17 — Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjuda minni.

18 — Dawn huwa l-każ ta' U. Nikolic, X. V. García Pérez, J. Uwituze, I. O. Enowassam u A. E. Guerrero Chavez. Għal dak li jirrigwarda H. C. Chavez Vilchez, P. Pinas u Y. R. L. Wip, ara l-punt 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

19 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dan huwa l-każ ta' Shalomie, ta' Joe, ta' Philomena u ta' Salamo. Ara l-punti 28 sa 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 — Skont il-qorti tar-rinviju, dan huwa l-każ ta' Angelina, Angely u Habibatou. Ara l-punti 23, 26 u 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

21 — Fir-rigward ta' Schwencke, missier Angely, ġie enfasizzat, waqt is-seduta, li X. V. García Pérez kienet vittma ta' vjolenza domestika. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-reġistru tal-popolazzjoni jindika li Schwencke telaq lejn il-Costa Rica fit-8 ta' Lulju 2009. Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

programm ta' akkomodazzjoni assistita [22]. Fi tliet każijiet, il-missier jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-għajxien tal-wild [23], filwaqt li, fl-oħrajn ma titħallas ebda kontribuzzjoni [24]. F'żewġ każijiet minn tmienja, il-kustodja hija konġunta bejn iż-żewġ ġenituri [25] filwaqt li fil-każijiet l-oħra, din hija assunta mill-omm waħedha b'mod effettiv u ta' kuljum [26]. F'każ wieħed biss, l-omm assumiet il-kustodja effettiva tat-tifla tagħha u t-tnejn joqogħdu fid-dar tal-kunjatu u ħu l-missier [27]. F'nofs il-każijiet, it-tfal joqogħdu flimkien ma' ommijiethom fi strutturi ta' akkoljenza ta' urġenza [28].

52. Sussegwentement, fir-rigward tas-*sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fit-territorju tal-Unjoni*, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li, fis-17 ta' Mejju 2011, P. Pinas ingħatat permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi għal żmien determinat. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti ta' Y. R. L. Wip u H. C. Chavez-Vilchez, kif ukoll il-Gvern Olandiż waqt is-seduta indikaw li dawn illum jinsabu f'sitwazzjoni regolari għal dak li jirrigwarda r-residenza tagħhom. Fil-fatt, Y. R. L. Wip kisbet reċentement permess ta' residenza fil-Belġju, fejn hija taħdem u toqgħod mat-tifla tagħha [29]. Fir-rigward ta' H. C. Chavez-Vilchez, hija ngħatat, abbażi tal-Artikolu 8 tal-KEDB, permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi u hija għandha impjieg fil-Belġju.

53. Fl-aħħar nett, għal dik li hija *s-sitwazzjoni partikolari tat-tfal rispettivi ta' H. C. Chavez-Vilchez u Y. R. L. Wip*, għandu jiġi enfasizzat li t-tnejn li huma donnhom eżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom.

54. Iktar tard ser ngħaddi għall-effett li dawn l-aspetti għandhom fuq il-kawżi prinċipali.

3. Il-prassi tal-organi amministrattivi Olandiżi u l-proċeduri fid-dritt tal-barranin

55. Fl-ewwel lok fir-rigward tal-*prattika tal-organi amministrattivi*, il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-Pajjiżi l-Baxxi, diversi organi amministrattivi jinterpretaw is-sentenzi Ruiz Zambrano [30] u Dereci *et* [31] b'mod restrittiv u jqisu li din il-ġurisprudenza tapplika biss meta l-missier ċittadin Olandiż ma jkunx, skont kriterji oġġettivi, f'pożizzjoni li jieħu ħsieb il-wild ċittadin Olandiż għaliex ikun, b'mod partikolari, taħt detenzjoni, irrikoverat f'istituzzjoni jew sptar, jew miet. Lil hinn minn dawn is-sitwazzjonijiet, il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz għandu jistabbilixxi b'mod konvinċenti li l-missier ċittadin Olandiż ma huwiex kapaċi jieħu ħsieb il-wild ċittadin Olandiż, anki bil-għajnuna eventwali ta' terzi. Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, iċ-Ċirkulari dwar il-barranin tipprovdi li l-oneru tal-prova sabiex jintwera li l-ġenitur Olandiż ma jistax jieħu ħsieb b'mod konkret il-wild Olandiż huwa fuq il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz.

22 — F'dan ir-rigward, matul is-seduta, ir-rappreżentant ta' U. Nikolic spjega li van de Pluijm, missier Esther, huwa ġenitur żagħżugħ li tqiegħed f'istituzzjoni sabiex isegwi trattament fuq tul ta' żmien, u għalhekk huwa eskluż li jista' jieħu ħsieb it-tifla.

23 — Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-missirijiet rispettivi ta' Shalomie, Joe, Philomena u Salamo jikkontribwixxu għal dawn l-ispejjeż tal-għajxien. Ara l-punti 28 sa 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 — Skont id-deskrizzjoni tal-fatti tal-qorti tar-rinviju, dan huwa l-każ ta' Angelina, Shine, Esther, Angely u Habibatou. Ara l-punti 23 sa 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kustodja hija konġunta fil-każ ta' Shine u ta' Philomena. Madankollu, għandu jiġi nnotat li Philomena tgħix ma' ommha f'ċentru ta' akkoljenza ta' urġenza. Ara l-punti 24 u 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — Il-kustodja hija assunta mill-omm waħedha fil-każ ta' Angelina, Esther, Angely, Habibatou, Shalomie u ta' Joe kif ukoll ta' Salamo. Ara l-punti 23, 25 sa 28 u 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 — Din hija s-sitwazzjoni ta' X. V. Guerrero Chavez u t-tifla tagħha Salamo. Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 — Din hija s-sitwazzjoni ta' Angelina, Esther, Angely, Habibatou u Philomena.

29 — Mill-osservazzjonijiet bil-miktub ta' Y. R. L. Wip jirriżulta li l-applikazzjoni tagħha għal permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") (iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950) kienet miċħuda wkoll. L-organu amministrattiv kien ikkunsidra li r-relazzjonijiet bejn il-missier u Shalomie, it-tifla ta' Y. R. L. Wip, ma kinitx suffiċjenti *sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ħajja tal-familja*.

30 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124).

31 — Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011 (C-256/11, EU:C:2011:734).

56. Il-qorti tar-rinviju żżid li, fil-kawżi prinċipali, il-korpi responsabbli mill-ħlas tal-għajnuna u tal-allowances, jiġifieri l-Kunsilli Lokali kkonċernati u s-SvB, għandhom, abbażi tal-informazzjoni li l-persuni kkonċernati jikkomunikawlhom, iwettqu, b'konsultazzjoni mal-IND, eżami suffiċjenti dwar jekk dritt ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi jistax ikun ibbażat fuq l-Artikolu 20 TFUE. F'ċerti każijiet, l-IND bagħat, fuq talba, parir lill-imsemmija korpi. Kultant, tkun diġà saret evalwazzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' dritt tal-barranin mibdija minn rikorrent. Fl-evalwazzjoni tiegħu tad-dritt ta' residenza, l-IND japplika d-direttivi li jinsabu fiċ-Ċirkulari dwar il-barranin.

57. Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda, *l-applikazzjonijiet għal permess ta' residenza* fil-kuntest tad-dritt tal-barranin, il-qorti tar-rinviju tispjega li, f'dan il-każ, il-Kunsilli Lokali kkonċernati, is-SvB u l-IND ma kkunsidrawx rilevanti l-fatt li ma huwiex il-missier ċittadin tal-Unjoni iżda l-omm ċittadina ta' Stat terz li tieħu ħsieb ta' kuljum u effettivament il-wild ċittadin tal-Unjoni. Fil-fatt, huma ma kkunsidrawx bħala rilevanti l-fatt li tiġi eżaminata l-intensità tal-kuntatti bejn il-wild u l-missier, in-natura tal-kontribuzzjoni ta' dan tal-aħħar għal għajxien u l-edukazzjoni tal-wild, jew ukoll jekk kienx lest li jagħmel dan. Bl-istess mod, il-fatt li l-missier ma kellux il-kustodja tal-wild ma kienx ikkunsidrat rilevanti għaliex ma kienx stabbilit b'mod konvinċenti li din setgħet tingħata lilu. Huwa l-ġenitur ċittadin ta' Stat terz li jassumi r-responsabbiltà tal-wild li għandu jipprova li l-ġenitur Olandiż ma jistax jieħu ħsieb b'mod konkret tal-wild. Dan ikun biss meta l-omm ċittadina ta' Stat terz turi b'mod konvinċenti li ostakoli oġġettivi jipprekludu li l-missier jieħu ħsieb il-wild li jiġi aċċettat li dan huwa f'dan il-punt dipendenti fuqha u li ser ikun obbligat, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lilha.

58. Fid-dawl tad-differenzi bejn is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll tal-partikolaritajiet tal-prassi amministrattiva Olandiża esposti mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tagħha, għandu jiġi vverifikat jekk it-tfal ta' età żgħira ċittadini tal-Unjoni u l-ommijiet tagħhom, ċittadini ta' Stat terz, li għandhom kustodja esklużiva, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, jiena ser neżamina, minn naħa waħda, il-każijiet partikolari tat-tfal rispettivi ta' H.C. Chavez-Vilchez u Y. R. L. Wip mill-perspettiva tal-Artikolu 21 TFUE u tad-Direttiva 2004/38 u min-naħa l-oħra, il-każijiet tat-tfal li dejjem irrisjedew, flimkien ma' ommijiethom, fl-Istat Membru li tiegħu għandhom in-nazzjonalità, mill-perspettiva tal-Artikolu 20 TFUE.

B – *Eżami tas-sitwazzjoni ta' H. C. Chavez-Vilchez u Y. R. L. Wip kif ukoll tat-tfal tagħhom mill-perspettiva tal-Artikolu 21(1) TFUE u tad-Direttiva 2004/38*

59. Kif repetutament iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE biss, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk din il-qorti tkun irreferiet għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan [32].

60. Qabel xejn infakkar li, skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2004/38, l-għan ta' din id-direttiva huwa li tissimplifika u ssaħħaħ id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Dan id-dritt jirrigwarda, kif innotajt fil-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tfal ta' età żgħira ċittadini tal-Unjoni [33].

32 — Ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2013, Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punt 41), kif ukoll tal-1 ta' Ottubru 2013, Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 20).

33 — Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

1. Fuq l-effett tal-eżerċizzju tal-moviment liberu tat-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez

61. Fir-rigward tat-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez, kemm għaliex hija għamlet użu mid-dritt tagħha ta' moviment liberu billi rrisjediet sa mill-2011 fil-Ġermanja, Stat Membru fejn jaħdem missierha [34], kif ukoll għaliex il-qorti tar-rinviju kkonstatat li hija attwalment toqgħod flimkien ma' ommha fil-Belġju fejn din għandha impjieg, jiena tal-opinjoni li d-Direttiva 2004/38 tapplika, bħala regola, għal H. C. Chavez-Vilchez, bħala membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, kif iddefinit fl-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, li takkumpanjaha [35]. Madankollu, il-konsegwenzi tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 għal H. C. Chavez-Vilchez u t-tifla tagħha huma, fl-opinjoni tiegħi, differenti skont il-mument taċ-ċaqliq analizzat.

62. Peress li H. C. Chavez-Vilchez illum taħdem fil-Belġju u li, għalhekk, ma jistax jiġi esklużż li toqgħod f'dan l-Istat Membru flimkien mat-tifla tagħha, għandu jiġi enfasizzat li, fid-dawl tal-fatt li H. C. Chavez-Vilchez reċentement kisbet permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi abbażi tal-Artikolu 8 tal-KEDB, l-effett ta' eventwali residenza fil-Belġju huwa rilevanti biss f'żewġ każijiet, jiġifieri jew fir-rigward ta' eventwali applikazzjoni għal permess ta' residenza f'dan l-Istat Membru, jew fid-dawl tar-residenza regolari tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi, sabiex evalwati l-kriterji ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, kif stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [36].

63. Fir-rigward tal-eżerċizzju tal-moviment liberu tat-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez, mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali jirriżulta li din kienet toqgħod mal-ġenituri tagħha fil-Ġermanja, Stat Membru fejn jaħdem u joqgħod missierha, sal-2011 qabel ma kienet kostretta, minn dan tal-aħħar, titlaq mid-dar tal-familja flimkien ma' ommha [37]. Imbagħad, flimkien ma' ommha, hija rritornat fil-Pajjiżi l-Baxxi, Stat Membru li tiegħu hija għandha n-nazzjonalità.

64. Jidhirli li huwa utli li jiġi analizzat dan iċ-ċaqliq fil-Ġermanja ta' H. C. Chavez-Vilchez u tat-tifla tagħha fid-dawl tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, tali analiżi tista' tkun utli għall-qorti tar-rinviju minħabba l-effett tagħha fuq il-perijodi kkonċernati mill-applikazzjonijiet għal allowances inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

a) Ġabra fil-qosor tal-ġurisprudenza dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/38 fil-każ fejn ċittadin tal-Unjoni, li jagħmel użu effettiv u minn qabel tal-libertà ta' moviment tiegħu, imur fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità

65. Infakkar li, fir-rigward tad-drittijiet eventwali tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru, il-premessa 5 tad-Direttiva 2004/38 tenfasizza li d-dritt taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri għandu, sabiex ikun jista' jiġi eżerċitat f'kundizzjonijiet oġġettivi ta' dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità [38].

34 — Nirrileva li ma huwa indikat la fid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas fil-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istat Membru ta' twelid tat-tifla ta' H.C. Chavez-Vilchez huwiex ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jew ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fi kwalunkwe każ, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li t-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez għandha nazzjonalità Olandiża, peress li missierha huwa ċittadin Olandiż li rrikonoxxiha.

35 — F'dan ir-rigward, infakkar li l-eventwali drittijiet li huma mogħtija liċ-ċittadini ta' Stat terz mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwarda ċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma humiex drittijiet proprji, iżda drittijiet idderivati mill-eżerċizzju tal-moviment liberu minn ċittadin tal-Unjoni. Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 35); tal-1 ta' Ottubru 2013, Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 22), kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 36).

36 — F'dan ir-rigward, għalkemm H. C. Chavez-Vilchez illum għandha permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa diffiċli li t-tifla tagħha tkun obbligata, fir-realtà, titlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu, u li għalhekk tiġi mċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħha ta' ċittadina tal-Unjoni.

37 — Mill-osservazzjonijiet bil-miktub ta' H. C. Chavez-Vilchez jirriżulta li, peress li din tal-aħħar spiċċat fit-triq mat-tifla tagħha, is-servizzi tal-għajnuna u l-pulizija Ġermaniża kkunsidraw li jkun aħjar li Angelina u ommha jmorru fil-Pajjiżi l-Baxxi, għaliex bħala ċittadina Olandiża, Angelina setgħet tgawdi mid-drittijiet kollha tagħha hemmhekk.

38 — Ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 83), kif ukoll dik tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 33).

66. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt li tkun akkumpanjat minn membru tal-familja ċittadin ta' Stat terz huwa mogħti wkoll lil ċittadin tal-Unjoni, kemm jekk huwa attiv [39] jew inattiv [40], li jmur lura fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità wara l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment tiegħu fi Stat Membru ieħor fejn huwa kien joqgħod mal-imsemmi membru tal-familja tiegħu [41]. Din il-ġurisprudenza tirrigwarda għalhekk id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja mogħti liċ-ċittadin wara l-eżerċizzju minn qabel tal-libertà ta' moviment, u huwa bbażat fuq il-projbizzjoni tal-ostakoli. F'din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat b'analoġija d-Direttiva 2004/38 [42]. Issa għandha tiġi analizzata l-ġurisprudenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat interpretazzjoni iktar wiesgħa ta' din id-direttiva billi applikatha mhux analoġija iżda direttament.

b) Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/38 meta l-wild ta' età żgħira ċittadin tal-Unjoni, li jagħmel użu effettiv u minn qabel tal-libertà ta' moviment tiegħu, imur fl-Istat Membru li tiegħu huwa għandu n-nazzjonalità akkumpanjat minn axxendent ċittadin ta' Stat terz li għandu l-kustodja esklużiva

67. Fir-rigward tad-dritt tad-dħul u residenza għal żmien qasir previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/38, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza McCarthey *et* [43] applikat id-Direttiva 2004/38 għal ċittadin ta' Stat terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tat interpretazzjoni koerenti tad-Direttiva 2004/38 fid-dawl tas-sistema ta' sorsi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tar-rwol li tgawdi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel xejn, li "id-Direttiva 2004/38 hija intiża, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali u individwali ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, dritt mogħti direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni mill-Artikolu 21(1) TFUE u li ssaħħaħ dan id-dritt" [44]. Sussegwentement, hija fakkret li, "[f]id-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija [minn din id-direttiva], id-dispożizzjonijiet [tagħha] ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv u m'għandhomx, f'kull każ, jiġu pprivati mill-effett utli tagħhom" [45]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, ikkunsidrat fl-aħħar nett li "bl-ebda mod ma jirriżulta mill-Artikolu 5 [tad-Direttiva 2004/38] li d-dritt ta' dħul ta' membri tal-familja taċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' Stat Membru għandu jkun limitat għall-Istati Membri l-oħra għajr l-Istat Membru ta' oriġini taċ-ċittadin tal-Unjoni".

39 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Singh (C-370/90, EU:C:1992:296). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ċittadin li jmur lura fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità, sabiex iwettaq attività għal rasu, wara li kien impjegat għal ċertu żmien fi Stat Membru ieħor, kellu, abbażi tat-trattati u tad-dritt sekondarju, id-dritt li jkun akkumpanjat mill-konjuġi tiegħu, ċittadina ta' Stat terz, fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fid-dritt sekondarju.

40 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ċittadin ta' Stat Membru li ġab lit-tifla tiegħu minn Stat terz, meta kien qed jaħdem fi Stat Membru ieħor, kellu d-dritt li jkun akkumpanjat minn din tal-aħħar mar-ritorn tiegħu, bħala pensjonant, fl-Istat Membru li tiegħu kellu n-nazzjonalità.

41 — Għal analiżi ta' din il-ġurisprudenza, ara l-punti 61 sa 88 tal-Konklużjonijiet li ppreżentajt fil-Kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345).

42 — Fis-sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Singh (C-370/90, EU:C:1992:296), id-drittijiet ta' residenza dderivati ġew aċċettati mill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 52 KEE (li sar l-Artikolu 49 TFUE) u tad-Direttiva tal-Kunsill 73/148/KEE, tal-21 ta' Mejju 1973, dwar l-abolizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment u r-residenza fil-Komunità għal ċittadini ta' Stati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment u l-proviżjoni tas-servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 1, p. 167), li tħassret u ġiet issostitwita mid-Direttiva 2004/38. Il-motivazzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771), hija bbażata kemm fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat (Artikolu 39 KE, li sar l-Artikolu 45 TFUE) kif ukoll fuq dawk tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15), li kien emendat bid-Direttiva 2004/38. Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 21(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li d-Direttiva 2004/38 tapplika b'analoġija f'sitwazzjoni li fiha ċittadin tal-Unjoni żviluppa jew ikkonsolida ħajja tal-familja ma' ċittadin ta' Stat terz waqt residenza effettiva, skont u bl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u (2) jew l-Artikolu 16(1) u (2) tad-Direttiva 2004/38, fi Stat Membru għajr dak li tiegħu għandu n-nazzjonalità u jirritorna mal-membru tal-familja kkonċernat fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità. Ara f'dan ir-rigward, il-punti 77 *et seq* tal-Konklużjonijiet li ppreżentajt fil-Kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345).

43 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-202/13, EU:C:2014:2450).

44 — Ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 31). Ara wkoll, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 84).

68. F'dan ir-rigward, jiena tal-fehma li d-Direttiva 2004/38 għandha tapplika għal ċittadini ta' Stati terzi, membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, meta, wara l-eżerċizzju minn qabel tad-dritt ta' moviment liberu miċ-ċittadin tal-Unjoni u wara li jkun irrisjeda b'mod effettiv fi Stat Membru ieħor, iċ-ċittadin u l-membri tal-familja tiegħu jmorru fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità.

69. F'dan il-każ, il-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk, il-fatt li t-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez għamlet użu mid-dritt tagħha ta' moviment liberu billi rrisjediet flimkien mal-ġenituri tagħha fil-Ġermanja, Stat Membru fejn missierha jirrisjedi u jeżerċita attività għal rasu, jippermettilhiex li tibbenefika hija stess u ommha mill-protezzjoni tad-Direttiva 2004/38 meta tirritorna lura fil-Pajjiżi l-Baxxi, Stat Membru li tiegħu għandha n-nazzjonalità.

70. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta hija affermattiva.

71. Ċertament, bid-differenza għal H. P. McCarthy [46], li hija wkoll ċittadina ta' Stat terz u membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li kellha permess ta' residenza validu maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/38, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li H. C. Chavez-Vilchez kellha, fil-mument tad-dħul tagħha fit-territorju Olandiż, dokument tal-ivvjaġġar fis-sens tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva. Madankollu, jidhirli li interpretazzjoni magħquda tal-Artikolu 5(1) u (4) tad-Direttiva 2004/38 kienet tippermetti lil H. C. Chavez-Vilchez li tibbenefika mid-dritt tad-dħul u ta' residenza għal żmien qasir fit-territorju tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-fatt, l-Artikolu 5(4) ta' din l-istess direttiva jipprovdi li "[m]eta ċittadin ta' l-Unjoni, jew membru tal-familja li mhux ċittadin ta' Stat Membru, m'għandux id-dokumenti ta' vjaġġar neċessarji jew, jekk meħtieġ, il-visas neċessarji, l-Istat Membru kkonċernat, qabel ma jibgħathom lura, għandu jagħti lil dawn il-persuni kull opportunità raġonevoli biex jiksbu jew iġibu d-dokumenti neċessarji f'perjodu ta' żmien raġonevoli jew inkella jistgħu juru jew jiċċertifikaw b'mezzi oħra li huma koperti mid-dritt ta' moviment liberu u residenza".

72. B'hekk, bħala ċittadina tal-Unjoni ta' età żgħira, li ċċirkulat fi ħdan l-Unjoni [47] u li rritornat, minħabba ċirkustanzi xejn feliċi [48], fl-Istat Membru li tiegħu għandha n-nazzjonalità, it-tifla ta' H. C. Chavez-Vilchez kellha tibbenefika mill-applikazzjoni tal-Artikolu 21(1) TFUE u tal-Artikolu 5(1) u (4) tad-Direttiva 2004/38, u għalhekk, minn dritt ta' dħul u ta' residenza għal żmien qasir li jippermetti lil din tal-aħħar, li effettivament għandha l-kustodja tagħha, li ssib xogħol li jagħtiha l-possibbiltà li jkollha riżorsi suffiċjenti sabiex ma ssirx piż fuq is-sistema ta' assistenza soċjali tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi [49].

73. Fil-każ fejn axxendent, ċittadin ta' Stat terz, ma jirnexxilux, matul il-perijodu ta' tliet xhur previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/38, jikseb riżorsi suffiċjenti sabiex jibbenefika mill-protezzjoni ta' din l-istess direttiva, jiena tal-fehma li l-Artikolu 21 TFUE ma jipprekludix li jiġi rrifjutat dritt ta' residenza lil dan l-axxendent, minkejja li għandu l-kustodja effettiva ta' wild ta' età żgħira, ċittadin tal-Unjoni, li jirrisjedi miegħu.

74. F'dan il-każ, għandha madankollu tiġi eżaminata s-sitwazzjoni tal-wild ċittadin tal-Unjoni u tal-axxendent tiegħu ċittadin ta' Stat terz fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE. Madankollu, kif diġà ssemma, H. C. Chavez-Vilchez kisbet reċentement permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi abbażi tal-Artikolu 8 tal-KEDB. Konsegwentement, jidhirli li huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk, fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE "dritt ta' residenza jistax madankollu jingħatalha, fuq bażi eċċezzjonali, fuq

46 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450).

47 — Infakkar li dan iċ-ċaqliq kien marbut mal-eżerċizzju tal-moviment liberu ta' missierha, ċittadin Olandiż, bil-għan li jistabbilixxi ruħu u jaħdem fi Stat Membru ieħor. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq tista' ċertament tapplika b'analoġija.

48 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49 — F'dan ir-rigward, ninnota li, fin-nuqqas ta' permess ta' residenza, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tippermettix li membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa ċittadin ta' Stat terz ikun jista' jaħdem.

il-bażi ta' preġudizzju lill-effettività taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li minnha [tgawdi t-tifla] tal-parti kkonċernata, peress li, bħala konsegwenza ta' tali rifjut, [din it-tifla tiġi obblifata], fil-fatt, li [titlaq] mit-territorju tal-Unjoni kkunsidrat fl-intier tiegħu, b'mod li [tiġi] mċaħħda mit-tgawdija effettiva tas-sustanza tad-drittijiet mogħtija minn dan l-istatus" [50].

2. Fuq l-effett tal-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment mit-tifla ta' Y. R. L. Wip

75. Waqt is-seduta r-rappreżentant ta' Y. R. L. Wip kif ukoll il-Gvern Olandiż ikkonfermaw li hija u t-tifla tagħha jirrisjedu attwalment fil-Belġju, fejn Y. R. L. Wip kisbet permess ta' residenza u taħdem. Għalhekk huwa ċar li t-tifla tagħha għamlet użu mil-libertà ta' moviment bħala ċittadina tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor li ma huwiex dak li tiegħu għandha n-nazzjonalità u, għalhekk, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 japplika għall-każ ta' Y. R. L. Wip, bħala membru tal-familja li jakkumpanjaha. Fil-fatt, fil-kwalità tagħha ta' ċittadina Olandiża u, għalhekk, ta' ċittadina tal-Unjoni, it-tifla ta' Y. R. L. Wip għandha d-dritt li tipprevalixxi mill-Artikolu 21(1) TFUE. Dan l-artikolu tat-Trattat u d-Direttiva 2004/38 jagħtuha, fil-prinċipju, dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, f'dan il-każ ir-Renju tal-Belġju.

76. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li "r-rifjut li ġenitur, ċittadin ta' Stat Membru jew ta' Stat terz, li għandu effettivament il-kustodja ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa minuri, jitħalla jirrisjedi ma' dan iċ-ċittadin fl-Istat Membru ospitanti jċaħħad minn kull effettività d-dritt ta' residenza ta' dan tal-aħħar, peress illi t-tgawdija tad-dritt ta' residenza minn wild ta' età żgħira timplika neċessarjament li dan il-wild ikollu d-dritt li jkun akkumpanjat mill-persuna li tiżgura effettivament il-kustodja tiegħu u, għalhekk, li din il-persuna tkun fil-pożizzjoni li tirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti matul din ir-residenza" [51]. Dan id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor huwa madankollu rrikonoxxut bla ħsara għal-limitazzjonijiet u kundizzjonijiet previsti mit-Trattat u mid-dispożizzjonijiet adottati sabiex jagħtuh effett [52]. F'dan ir-rigward, infakkar li l-applikazzjoni ta' dawn il-limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għandha ssir b'konformità mal-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni u skont il-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt [53], b'mod partikolari, fil-fehma tiegħi, tal-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal.

77. Madankollu, ladarba Y. R. L. Wip kisbet permess ta' residenza u għandha impjieg fil-Belġju, hija l-qorti tar-rinviju li għand tivverifika jekk, it-tifla tagħha, ċittadina tal-Unjoni, tistax tkun obbligata, bħala regola, fir-realtà, titlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu, u b'hekk tkun imċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija minn din iċ-ċittadinanza tagħha. Konsegwentement, bħal fil-każ ta' H. C. Chavez-Vilchez (li kisbet permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi) u t-tifla tagħha, ma jidhirlix li huwa neċessarju li tiġi analizzata din is-sitwazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE.

50 — Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2013, Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 33).

51 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 45); tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 69), kif ukoll tal-1 ta' Ottubru 2013, Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 28).

52 — Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punti 84 u 85), kif ukoll tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 26).

53 — Ara s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 91), kif ukoll tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 32).

*C – Eżami tas-sitwazzjonijiet tat-tfal li dejjem baqgħu jirrisjedu fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tagħhom, flimkien ma' ommijiethom li għandhom il-kustodja effettiva, mill-perspettiva tal-Artikolu 20 TFUE*

1. L-ewwel u t-tieni domanda preliminari

78. Permezz tal-ewwel u t-tieni domanda preliminari tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tixtieq, essenzjalment, tkun taf jekk l-Artikolu 20 TFUE jipprekludix li Stat Membru jirrifjuta lil ġenitur ċittadin ta' Stat terz[54], li għandu l-kustodja effettiva tal-wild ta' età żgħira tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, ir-residenza fl-Istat Membru ta' residenza ta' dan tal-aħħar li tiegħu għandu n-nazzjonalità, meta ma jintweriex li l-ġenitur l-ieħor, li huwa ċittadin ta' dan l-istess Stat Membru, jista' jassumi l-kustodja effettiva tal-wild.

79. Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandu jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali sitwazzjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

a) Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni: l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni

80. Fl-1 ta' Novembru 2016 iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ser tagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin sena[55]. Imwielda fl-1992 mal-iffirmar tat-Trattat ta' Maastricht, din hija intiża sabiex tikkontribwixxi sabiex iċ-ċittadini tal-Istati Membru jkunu jistgħu jidentifikaw ruħhom mal-Unjoni[56]. Bħala status fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tinkludi, b'mod partikolari għall-ġenerazzjonijiet ġodda, il-possibbiltà li jibnu Ewropa li fiha ċ-ċittadini kollha jistgħu, bħala bnedmin, jiċċirkulaw, jirrisjedu, jaħdmu, jistudjaw, jipprovdu servizz jew jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor, jipprosperaw, jiżżewġu jew jagħżlu komunità ta' ħajja analoga, joħolqu, jekk jixtiequ, familja, u jgħixu fil-paċi[57] u fis-sigurtà.

81. Għalhekk, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tilleġittima l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea billi ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom bħala ċittadini. Din il-leġittimazzjoni ġiet ivvalorizzata fil-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Avukati Ġenerali tagħha, sa mill-introduzzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Avukat Ġenerali Lenz innota, fl-1994, li "[l]-istabbiliment ta' ċittadinanza tal-Unjoni jqajjem it-tama ta' ugwaljanza taċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-inqas quddiem id-dritt Komunitarju"[58].

82. Sentejn wara, fl-1996, l-Avukat Ġenerali Léger, filwaqt li rrefera għar-rikonoxximent ta' tali ċittadinanza, indirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja fit-termini li ġejjin: "[din iċ-ċittadinanza] għandha valur emblematiku u probabbilment hija waħda mill-avvanzi tal-kostruzzjoni Ewropea li l-iktar ġibdet l-attenzjoni tal-opinjoni pubblika. Ċertament, dan il-kunċett jiġbor fil-fatt aspetti diġà akkwistati, fil-maġġor parti tagħhom, mill-iżvilupp tad-dritt Komunitarju, u għalhekk huwa konsolidazzjoni

54 — Mid-duttrina jirriżulta li, fil-kuntest tal-Artikolu 20 TFUE, huwa iktar rilevanti l-użu tat-termini "ċittadini ta' Stat terz". Fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38, li fih l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment u ta' residenza jirrigwarda żewġ Stati Membri (dak li fih iċ-ċittadin tal-Unjoni għandu n-nazzjonalità u dak ospitanti), il-membru tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni huwa, fil-fatt, ċittadin ta' Stat terz. Madankollu, fil-kuntest tal-Artikolu 20 TFUE, kif interpretat mill-ġurisprudenza, hemm biss Stat Membru wieħed ikkonċernat, jiġifieri dak li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu n-nazzjonalità. Konsegwentement, ladarba l-membru tal-familja tal-imsemmi ċittadin ma huwiex ċittadin ta' "Stat terz", huwa propost li jintuża terminu ieħor, "ċittadin non-UE" jew "ċittadin non-Ewropew". Ara' f'dan is-sens, G. Davies, "The Family Rights of European Children: Expulsion of non-Europeans Parents", *EUI Working Papers*, RSCAS 2012/04, p. 1 sa 22, p. 3. Madankollu, f'dawn il-konklużjonijiet, jiena nikkunsidra li t-terminu "ċittadin ta' Stat terz" jirreferi għal ċittadin ta' Stat mhux membru tal-Unjoni.

55 — Għall-evalwazzjoni dwar l-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għal dak li jirrigwarda ċ-ċittadinanza tal-Unjoni, ara A. Trifonidou, *The Impact of Union Citizenship on the EU's Market Freedoms*, Hartpublishing, Londra, 2016, p. 23 sa 58. L-awtur jeżamina l-ġurisprudenza f'erba' stadji, jiġifieri, it-tfulija (1993-1997), it-tkabbir u l-iżvilupp (1998-2005), l-adoloxxenza (2006-2009) u l-ħajja adulta (wara l-2010).

56 — Ara f'dan is-sens, C. Barnard, *The Substantive Law of the EU. The Four Freedoms*, Oxford University Press, Oxford, 2013, p. 431 u 432. Dan l-awtur jikkunsidra ċ-ċittadinanza bħala "dak li jorbot flimkien iċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha".

57 — Ara l-Artikolu 3 TUE.

58 — Ara l-punt 53 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-Kawża Faccini Dori (C-91/92, EU:C:1994:45).

tal-acquis Komunitarju. *Iżda intom tridu tagħtuh is-sinjifikattiv tiegħu kollu*. Madankollu jekk jiġu dedotti l-konsegwenzi kollha marbuta ma' dan il-kunċett, iċ-ċittadini tal-Unjoni kollha, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, għandhom igawdu eżattament mill-istess drittijiet u għandhom ikunu suġġetti għall-istess dmirijiet"[59].

83. F'dan is-sens, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer innota, sena wara, li "[l]-ħolqien ta' ċittadinanza tal-Unjoni, li […] għal dawk li jipposjeduha hija korollarja għad-dritt ta' moviment liberu fit-territorju tal-Istati Membri kollha, tirrapreżenta *progress kwalitattiv* konsiderevoli peress li, bħalma tosserva l-Kummissjoni għal użu tajjeb, hija tillibera din il-libertà ta' moviment mill-elementi funzjonali jew instrumetali tagħha (*peress li ma hijiex iktar marbuta mal-eżerċizzju ta' attività ekonomika jew mal-implementazzjoni tas-suq intern*) u peress ukoll li tgħolli l-livell ta' dan id-dritt proprju u indipendenti, inerenti għall-istatus politiku taċ-ċittadini tal-Unjoni"[60].

84. Minn dakinhar 'l hawn, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni saret effettiva b'mod progressiv permezz ta' xogħol ġurisprudenzjali vast imwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja b'kooperazzjoni stretta mal-qrati nazzjonali fil-kuntest tal-proċedura preliminari[61]. F'din il-linja ġurisprudenzjali jaqgħu l-ewwel u t-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Dawn jirrigwardaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE fid-dawl tas-sentenzi Ruiz Zambrano[62] u Dereci *et*[63] f'sitwazzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ma huwiex stabbilit li l-ġenitur, li huwa ċittadin tal-Istat Membru li tiegħu l-wild għandu n-nazzjonalità u li fih huwa dejjem irrisjeda, jistax jieħu ħsieb it-tifel fil-każ ta' eventwali tkeċċija tal-ġenitur ċittadin ta' Stat terz.

b) Fuq in-natura partikolari tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali

85. F'dan il-każ[64], fir-rigward tat-tfal ta' età żgħira ta' P. Pinas[65], U. Nikolic, X. V. García Pérez, J. Uwituze, I. O. Enowassam u A. E. Gerrero Chavez, peress li dawn qatt ma għamlu użu mid-dritt tagħhom ta' moviment liberu u dejjem baqgħu jirrisjedu fl-Istat Membru li tiegħu għandhom in-nazzjonalità, nikkonstata li ma jaqgħux fil-kunċett ta' "benefiċjarju" fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38, b'tali mod li din id-direttiva ma tapplika la għalihom u lanqas għal ommijiethom.

86. Mill-banda l-oħra, nistgħu nikkunsidraw li s-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE?

59 — Ara l-punt 63 tal-Konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Léger ippreżenta fil-Kawża Boukhalfa (C-214/94, EU:C:1995:381). F'dan is-sens, ara, ukoll, il-punt 50 tal-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola ppreżentati fil-Kawżi magħquda Stöber u Piosa Pereira (C-4/95 u C-5/95, EU:C:1996:225). Enfasi miżjuda minni.

60 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-Kawżi magħquda Shingara u Radiom (C-65/95 u C-111/95, EU:C:1996:451, punt 34). Enfasi miżjuda minni. Reċentement ħafna, l-Avukat Ġenerali Wathelet enfasizza, fil-Konklużjonijiet tiegħu fil-Kawża NA (C-115/15, EU:C:2016:259, punt 111), li l-istatus ta' ċittadin huwa intiż li jkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, "[g]ħalhekk, ma jistax ikun mingħajr sustanza".

61 — Ara, dwar dan l-aspett, il-punti 107 *et seq* tal-Konklużjonijiet li ppreżentajt fil-Kawżi magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75).

62 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124). In-natura mhux aċċidentali ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija fl-opinjoni tiegħi iktar minn evidenti. F'dan ir-rigward, kif enfasizzajt fil-punti 111 sa 115 u 117 tal-Konklużjonijiet li ppreżentajt fil-Kawżi Magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75), din is-sentenza hija r-riżultat ta' żvilupp ġurisprudenzjali maġġuri li kien il-bażi tas-soluzzjoni mogħtija f'din l-istess sentenza.

63 — Sentenza tal-15 ta' Novembru 2011 (C-256/11, EU:C:2011:734).

64 — Ladarba s-sitwazzjonijiet tat-tfal ta' H. C. Chavez-Vilchez u Y. R. L. Wip, li l-ommijiet tagħhom kisbu permess ta' residenza, fil-Pajjiżi l-Baxxi (abbażi tal-Artikolu 8 tal-KEDB) u fil-Belġju, rispettivament, ġew analizzati fil-punti 61 sa 77 ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nikkonċentra fuq il-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjonijiet tas-sitt rikorrenti l-oħra fil-kawża prinċipali u tat-tfal rispettivi tagħhom jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

65 — Għal dak li jirrigwarda P. Pinas, infakkar li kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, hija kisbet permess ta' residenza għal żmien determinat, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika. Għalhekk, bħala regola, ma jeżistix ir-riskju ta' tkeċċija u għalhekk it-tifla tagħha ma hijiex obbligata, fir-realtà, titlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha tanalizza s-sitwazzjoni ta' P. Pinas fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE jekk tikkonstata li din tal-aħħar ma baqgħalhiex permess ta' residenza validu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

87. F'dan ir-rigward, infakkar li, fis-sentenza Ruiz Zambrano, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 20 TFUE jipprekludi miżuri nazzjonali li għandhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus tagħhom [66]. Skont il-prinċipji stabbiliti f'din is-sentenza, din il-protezzjoni tad-dritt tal-Unjoni tapplika fil-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali peress li t-tfal ta' P. Pinas, U. Nikolic, X. V. García Pérez, J. Uwituze, I. O. Enowassam u A. E. Gerrero Chavez jistgħu, fin-nuqqas ta' dritt ta' residenza dderivat għall-ommijiethom, li għandhom il-kustodja esklużiva tagħhom, ikunu obbligati, fir-realtà, jakkumpanjawhom, u għalhekk jitilqu mit-territorju tal-Unjoni "kollu kemm hu". Fil-fatt, it-tkeċċija eventwali ta' ommijiethom iċċaħħadhom mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet li jagħtihom l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk, tali ċaħda tista' tippreġudika l-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li huma jgawdu minnha.

88. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tas-sentenza Ruiz Zambrano [67] billi ddeċidiet li din tapplika għal "sitwazzjonijiet partikolari ħafna li fihom, minkejja l-fatt li d-dritt sekondarju ta' ċittadin ta' pajjiż terz ma huwiex applikabbli u li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat ma għamilx użu mil-libertà ta' moviment tiegħu, dritt ta' residenza ma jistax, eċċezzjonalment, jiġi miċħud lil ċittadin ta' pajjiż terz, membru tal-familja tal-imsemmi ċittadin, peress li jkun hemm ksur tal-effett utli taċ-ċittadinanza tal-Unjoni li huwa jgawdi, jekk, bħala konsegwenza ta' tali rifjut, dan iċ-ċittadin ikun obbligat, fir-realtà, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni kollu, u b'hekk ikun imċaħħad mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni" [68].

89. F'dan il-kuntest, għandu jiġi evalwat, fid-dawl tal-Artikolu 20 TFUE, jekk sitwazzjonijiet bħal dik fil-kawża prinċipali humiex sitwazzjonijiet partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq.

90. Fil-fehma tiegħi ma hemmx dubju, li l-fatt li dawn it-tfal kollha għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru, jiġifieri n-nazzjonalità Olandiża, li l-kriterji ta' akkwist tagħha, jaqgħu b'mod evidenti, fil-kompetenza tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi [69], jimplika li dawn jibbenefikaw mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni [70]. Għaldaqstant, bħala ċittadini tal-Unjoni, dawn it-tfal għandhom id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Unjoni, u *kull limitazzjoni* għal dan id-dritt taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [71].

66 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124, punt 42). Kif diġà esponejt fil-punt 116 tal-Konklużjonijiet tiegħi li ppreżentajt fil-Kawżi magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75), is-sentenza Ruiz Zambrano tirrikonoxxi d-drittijiet pretiżi miċ-ċittadini tal-Istati Membri li, bħala ċittadini tal-Unjoni, jesprimu l-bżonn tagħhom ta' protezzjoni ġuridika u t-talba tagħhom ta' integrazzjoni mhux biss fl-Istat Membru ospitanti, iżda wkoll fl-Istat Membru proprju tagħhom. Fil-fatt, il-fatt li ċ-ċittadini ta' Stati Membri jkollhom irrikonoxxut status tant fundamentali bħal dak taċ-ċittadinanza Ewropea jimplika, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi miżuri nazzjonali li għandhom effett li jċaħħadhom mit-tgawdija ġenwina tal-essenzjal tad-drittijiet li huma għandhom minn dan l-istatus. Dan ikun il-każ jekk ċittadin ta' Stat terz li jassumi waħdu l-kustodja effettiva tat-tfal ta' età żgħira tiegħu, ċittadini tal-Unjoni, jiġi rrifjutat id-dritt ta' residenza fl-Istat Membru li fih jirrisjedu dawn tal-aħħar u li tiegħu għandhom in-nazzjonalità, peress li din il-miżura tobbliga wkoll lil dawn it-tfal jitilqu mit-territorju tal-Unjoni.

67 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124).

68 — Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124, punti 43 u 44), u tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punt 67). Ara wkoll, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 71); tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 48); tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 36), kif ukoll tal-1 ta' Ottubru 2013, Alokpa u Moudoulou (C-86/12, EU:C:2013:645, punt 32). B'mod partikolari, Dereci kien ċittadin Tork li *l-mara u t-tlitt itfal tiegħu kienu Awstrijakki* u dejjem irrisjedew fl-Awstrija, fejn huwa xtaq li joqgħod magħhom. F'din is-sitwazzjoni, la t-tlitt itfal u lanqas l-omm ma kienu mċaħħda mit-tgawdija tal-essenzjal tad-drittijiet tagħhom għaliex, għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124), dawn it-tfal ma kinux jiddependu fuq missierhom għall-għajxien u setgħu għalhekk jibqgħu jgħixu fl-Awstrija.

69 — Sentenzi tas-7 ta' Lulju 1992, Micheletti *et* (C-369/90, EU:C:1992:295, punt 29), kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punt 39).

70 — Sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 21), u tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:639, punt 21). Ara wkoll, il-punti 47 sa 52 tal-Konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Tizzano ppreżenta fil-Kawża Zhu u Chen (C-200/02, EU:C:2004:307).

71 — Ara l-Konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75, punt 120). Il-fatt li huma ma eżerċitawx id-dritt tagħhom ta' moviment u residenza b'mod liberu fit-territorju tal-Unjoni ma jfissirx li huma ma jibbenefikawx minn dan id-dritt bħala ċittadini tal-Unjoni. Mill-banda l-oħra nfakkar li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni ma jagħtu ebda dritt awtonomu liċ-ċittadini ta' Stat terz. Ara s-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 66), kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 34).

91. Konsegwentement, bħala regola, jidhirli li mill-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu sitwazzjonijiet partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Ruiz Zambrano [72]. Fil-fatt, dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jwasslu li t-tfal inkwistjoni jkunu mċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet mogħtija lilhom mill-istatus ta' ċittadini tal-Unjoni. Għalhekk jiena nikkunsidra li dawn is-sitwazzjonijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

92. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu għalhekk jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxux interferenza mad-dritt ta' residenza li minnu jgawdu t-tfal ikkonċernati u jekk din tistax tkun iġġustifikata.

93. Għalija huwa ċar li teżisti interferenza potenzjali mad-drittijiet tat-tfal ikkonċernati, ċittadini tal-Unjoni, jekk, bħala riżultat tar-rifjut ta' permess ta' residenza ta' ommijiethom, dawn it-tfal ikunu kostretti jitilqu, fir-realtà, mit-territorju tal-Unjoni kollu. Iżda, fiċ-ċirkustanzi partikolari tas-sitwazzjonijiet inkwistjoni, din l-interferenza hija ammissibbli jew le?

c) Fuq l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq il-grad ta' dipendenza bejn il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz u l-wild ċittadin tal-Unjoni

94. Il-kwistjoni preliminari li tqum hija dwar jekk il-preżenza waħedha tal-missier ċittadin Olandiż fil-Pajjiżi l-Baxxi [73] tipprevjenix *b'mod sistematiku* li l-wild ċittadin tal-Unjoni jibbenefika mill-protezzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

95. Fl-opinjoni tiegħi, il-preżenza waħedha tal-missier ċittadin Olandiż fil-Pajjiżi l-Baxxi ma tistax, fiha nnifisha, tiġġustifika d-deċiżjonijiet nazzjonali fil-kawżi prinċipali u lanqas tikkontesta l-kriterju taċ-"ċaħda tat-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' ċittadin" mingħajr ma l-qorti tar-rinviju tivverifika jekk id-deċiżjonijiet nazzjonali inkwistjoni josservawx il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi tagħhom fuq is-sitwazzjonijiet tat-tfal tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ċittadini tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [74].

96. Fil-kuntest tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, huma kkonċernati diversi interessi, jiġifieri, l-interessi nazzjonali fil-qasam tal-immigrazzjoni [75], id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni, l-aħjar interess tat-tfal u d-drittijiet li jaqgħu fil-qasam tad-dritt nazzjonali tal-familja, bħalma huwa l-każ b'mod partikolari tad-dritt tal-kustodja.

72 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (C-34/09, EU:C:2011:124). Infakkar li dawn is-sitwazzjonijiet partikolari li fihom iċ-ċittadin tal-Unjoni ma eżerċitax id-dritt ta' moviment liberu tiegħu huma kkaratterizzati mill-fatt li, "anki jekk huma rregolati minn leġiżlazzjoni li taqa' *a priori* taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, jiġifieri, il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna d-dritt ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiż terz barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt sekondarju li, taħt ċerti ċirkustanzi, jipprovdu l-għoti ta' tali dritt, dawn madankollu għandhom relazzjoni intrinsika mal-libertà ta' moviment ta' ċittadin tal-Unjoni li tipprekludi li d-dritt ta' dħul u ta' residenza jiġi rrifjutat lil dawn iċ-ċittadini fl-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin, sabiex din il-libertà ma tiġix ippreġudikata". Ara s-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 72), kif ukoll tat-8 ta' Mejju 2013, Ymeraga *et* (C-87/12, EU:C:2013:291, punt 37).

73 — Infakkar li Schwencke, missier Angely, ma nstabx u skont l-informazzjoni tar-reġistru tal-popolazzjoni, ilu mhux residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi sa mill-2009.

74 — Ara b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, EU:C:2010:104, punti 54 sa 56).

75 — Dwar il-prinċipju tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni, ara l-punti 74 u 75 tal-Konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi magħquda Rendón Marín u CS (C-165/14 u C-304/14, EU:C:2016:75): "[l]-Istati Membri għandhom il-kompetenza fil-qasam tad-dritt tal-immigrazzjoni. Għall-kuntrarju, jekk din hija sitwazzjoni li fiha d-drittijiet ta' moviment u ta' residenza libera bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni huma involuti, il-marġni ta' diskrezzjoni li jiddisponu minnu l-Istati Membri fil-qasam tal-immigrazzjoni *ma għandux jikkawża preġudizzju fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw iċ-ċittadinanza tal-Unjoni jew il-libertà ta' moviment*, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw mhux biss is-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni, iżda wkoll dik ta' ċittadin ta' Stat terz li huwa membru tal-familja tiegħu".

97. B'hekk, għall-finijiet ta' verifika tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità mid-deċiżjonijiet nazzjonali inkwistjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi elementi, bl-iktar waħda importanti jkun, fl-opinjoni tiegħi, il-grad ta' dipendenza bejn il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz u l-wild ċittadin tal-Unjoni.

98. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġi stabbilit min għandu r-"responsabbiltà legali, finanzjarja *jew* affettiva"[76]. Fil-fatt, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, "*hija r-relazzjoni ta' dipendenza bejn iċ-ċittadin tal-Unjoni ta' età żgħira u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz* li jiġi rrifjutat d-dritt ta' residenza li tista' tpoġġi f'dubju l-effettività taċ-ċittadinanza tal-Unjoni peress li hija din id-dipendenza li twassal sabiex iċ-ċittadin tal-Unjoni jsib ruħu obbligat, *de facto*, jitlaq mhux biss mit-territorju tal-Istat Membru li tiegħu huwa ċittadin iżda wkoll mit-territorju tal-Unjoni kollu kemm hu, bħala konsegwenza ta' tali deċiżjoni ta' rifjut"[77].

99. Mingħajr ħsara għal din il-verifika li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, mill-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din ir-relazzjoni ta' dipendenza teżisti bejn it-tfal ċittadini tal-Unjoni kkonċernati u l-ommijiet rispettivi tagħhom ċittadini ta' Stat terz[78].

100. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, u sa fejn is-sitwazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni, ukoll, id-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħhom, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, fejn dan l-artikolu għandu jinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tat-tfal, irrikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-Karta[79].

101. F'dan il-kuntest, jidhirli li huwa rilevanti li jiġi mistoqsi jekk huwiex konformi mad-dritt tal-Unjoni li d-dritt ta' residenza b'mod liberu fit-territorju tal-Unjoni tal-wild ċittadin tal-Unjoni jiġi limitat, abbażi biss ta' kunsiderazzjonijiet bħall-*fatt li ma huwiex stabbilit li l-missier jista' jieħu ħsieb il-wild jekk ikun totalment taħt ir-responsabbiltà tiegħu*, peress li tali kunsiderazzjoni hija ekwivalenti wkoll għal dikjarazzjoni *li lanqas ma ġie stabbilit jekk huwa jistax jassumi l-kustodja tal-wild*! F'dan ir-rigward, jidhirli li huwa importanti li jiġi nnotat li l-qorti tar-rinviju tispjega li, f'dan il-każ, ma ġiex ikkonstatat li tibdil fl-għoti tad-dritt tal-kustodja għadu possibbli[80].

102. Għalhekk jiena nasal għall-konklużjoni li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa sproporzjonat li jiġi rrifjutat, b'mod awtomatiku u abbażi biss tal-preżenza tal-missier ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru kkonċernat, dritt ta' residenza dderivat lill-ommijiet, ċittadini ta' Stat terz, tat-tfal ta' età żgħira ċittadini tal-Unjoni. Infakkar li kull ġustifikazzjoni għal deroga mid-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni "[għandha] tiftiehem b'mod strett u l-portata tagħha ma tistax tkun iddeterminata unilateralment mill-Istati Membri mingħajr kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni"[81].

76 — Għandi preferenza għal dan il-kunċett li huwa użat mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dak li jikkonċerna r-riunifikazzjoni tal-familja, fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 56). Enfasi miżjuda minni. Fl-opinjoni tiegħi, dan il-kunċett huwa ekwivalenti għal dak ta' "kustodja effettiva".

77 — Ara s-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124, punti 43 u 45); tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734, punti 65 sa 67), kif ukoll tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 56).

78 — Din l-evalwazzjoni għandha ssir, anki fiż-żewġ każijiet fejn il-kustodja hija legalment konġunta, jiġifieri dawk ta' Shine, it-tifla ta' P. Pinas, u ta' Philomena, it-tifla ta' I. O. Enowassam. Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li din tal-aħħar toqgħod mat-tifla tagħha f'ċentru ta' akkoljenza ta' urġenza.

79 — Ara f'dan ir-rigward, il-punt 125 tal-Konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Wathelet ippreżenta fil-Kawża NA (C-115/15, EU:C:2016:259): "[l]-inklużjoni tal-Artikolu 7 tal-Karta fir-riflessjoni tal-qorti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE ma jidhirlix li hija ta' natura li twassal għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, estensjoni li tmur kontra l-Artikolu 51(2) tal-Karta".

80 — Irrid ninnota li, kif jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-prassi amministrattiva Olandiża, meta missier ma jinstabx, għandu problemi fiżiċi gravi, jeżerċita vjolenza domestika kontra l-omm (bħal fil-każ ta' X. V. García Pérez), huwa rrikoverat f'ċentru speċjalizzat għal trattament fuq żmien twil (bħal fil-każ ta' Van de Pluijm, missier Esther) jew ma għandu ebda kuntatt mal-wild sa minn żmien twil (bħal fil-każ tat-tfal ta' X. V. García Pérez u J. Uwituze), dan ma jkunx fl-impossibbiltà *de facto* li jieħu ħsieb it-tfal tiegħu!

81 — Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (C-50/06, EU:C:2007:325, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

d) Konklużjoni intermedjarja

103. L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi Stat Membru milli jirrifjuta lil ġenitur ċittadin ta' Stat terz, li għandu l-kustodja effettiva tal-wild ta' età żgħira tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, ir-residenza fl-Istat Membru ta' residenza ta' dan tal-aħħar li tiegħu għandu n-nazzjonalità, sa fejn tali deċiżjonijiet iċaħħdu l-imsemmi wild mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, meta ma jintweriex li l-ġenitur l-ieħor, li huwa ċittadin ta' dan l-istess Stat Membru, jista' jassumi waħdu l-kustodja effettiva tal-wild. F'dan ir-rigward, ma huwiex biżżejjed li jintwera li ma huwiex eskluż li dan il-ġenitur l-ieħor jista' jkun f'pożizzjoni li jieħu ħsieb il-wild b'mod konkret.

2. Fuq it-tielet domanda preliminari

104. It-tielet domanda preliminari tirrigwarda l-oneru tal-prova tad-dipendenza effettiva tal-wild ċittadin tal-Unjoni fir-rigward tal-ġenitur ċittadin ta' Stat terz.

105. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li ċ-Ċirkulari dwar il-barranin, li l-korpi Olandiżi responsabbli mill-ħlas ta' għajnuna u tal-allowances jieħdu inkunsiderazzjoni, tipprovdi li l-oneru tal-prova sabiex jintwera li l-ġenitur Olandiż ma jistax jieħu ħsieb b'mod konkret tal-wild jaqa' fuq il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz. Dan tal-aħħar għandu juri li ostakoli oġġettivi jipprekludu lill-ġenitur ċittadin tal-Unjoni milli jieħu ħsieb il-wild sabiex jiġi kkunsidrat li l-wild huwa dipendenti fuq il-ġenitur ċittadin ta' Stat terz sal-punt li jkollu jitlaq, fil-fatt, mit-territorju tal-Unjoni jekk id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lil dan il-ġenitur.

106. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, f'dan ir-rigward, jekk din id-dispożizzjoni taċ-Ċirkulari dwar il-barranin tikkorrispondix għal interpretazzjoni wisq restrittiva tas-sentenza Ruiz Zambrano [82].

107. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Olandiż enfasizza li l-oneru tal-prova huwa fuq l-applikanti għal permess ta' residenza, skont ir-regola ġenerali li tipprovdi li kull min igawdi minn xi drittijiet jew konsegwenzi ta' dawn id-drittijiet għandu jistabbilixxi li dawn id-drittijiet japplikaw fis-sitwazzjoni tiegħu.

108. Jien tal-opinjoni li, fi-każ fejn parti targumenta li s-sitwazzjoni tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20 TFUE, huma l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat Membru li għandhom jiddeterminaw *ex officio* jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet humiex issodisfatti jew le.

109. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-kundizzjonijiet neċessarji sabiex ċittadin ta' Stat terz, ġenitur ta' wild ċittadin tal-Unjoni, ikun jista' jibbenefika minn permess ta' residenza, huwa ċar li dawn l-awtoritajiet għandhom quddiemhom, min-naħa, kwistjonijiet direttament marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tal-wild u, min-naħa l-oħra, kwistjonijiet marbuta strettament mad-dritt nazzjonali tal-familja.

110. Fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni tal-wild ikkonċernat, il-kwistjoni tat-tqassim tal-oneru tal-prova ma għandux inaqqas l-effett utli tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni. B'hekk, jidhirli li l-applikazzjoni stretta tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni dwar l-oneru tal-prova tista' tikkomprometti l-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE.

82 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, C-34/09, EU:C:2011:124.

111. Għal dik li hija l-evalwazzjoni tal-aspetti tad-dritt nazzjonali tal-familja, peress li sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' proporzjonalità u tal-aħjar interess tal-wild, għandhom iqajmu *ex officio* l-kwistjoni preliminari dwar jekk il-kustodja tal-wild tistax tkun assunta mill-ġenitur l-ieħor, ċittadin tal-Istat Membru li l-wild għandu n-nazzjonalità tiegħu u għalhekk huwa ċittadin tal-Unjoni.

112. Barra minn hekk, jidhirli li huwa kuntrarju għall-effett utli tal-Artikolu 20 TFUE u għall-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari għall-prinċipju ta' proporzjonalità, li l-ġenitur ċittadin ta' Stat terz ikun obbligat jassumi l-kustodja effettiva tal-wild, f'dan il-każ l-omm, jippreżenta rikors kontra l-interessi proprji tiegħu u, potenzjalment, l-interessi tal-wild! Fil-fatt, għandu jiġi enfasizzat li tali rikors għandu l-għan li jitlob li l-kustodja tkun ittrasferita lill-ġenitur l-ieħor sabiex jiġi ppruvat li l-missier Olandiż ma jistax jieħu ħsieb b'mod konkret il-wild, u għaldaqstant, sabiex jiġi aċċettat li l-wild huwa f'dan il-punt dipendenti fuq ommu u ser ikun obbligat, fil-fatt, jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk id-dritt ta' residenza ta' din tal-aħħar jiġi rrifjutat [83].

113. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda fis-sens li huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li għandhom iqajmu *ex officio* u jistabbilixxu l-fatt li l-kustodja effettiva tal-wild tista' tkun assunta mill-ġenitur l-ieħor. Huma dawn l-awtoritajiet li għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fl-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u tal-aħjar interess tal-wild.

## VI – **Konklużjoni**

114. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Centrale Raad van Beroep (qorti tal-appell fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

1) L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi Stat Membru milli jirrifjuta lil ġenitur ċittadin ta' Stat terz, li għandu l-kustodja effettiva tal-wild ta' età żgħira tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, ir-residenza fl-Istat Membru ta' residenza ta' dan tal-aħħar li tiegħu għandu n-nazzjonalità, sa fejn tali deċiżjonijiet iċaħħdu lill-imsemmi wild mit-tgawdija effettiva tal-essenzjal tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, meta ma jintweriex li l-ġenitur l-ieħor, li huwa ċittadin ta' dan l-istess Stat Membru, jista' jassumi waħdu l-kustodja effettiva tal-wild. F'dan ir-rigward, ma huwiex biżżejjed li jintwera li ma huwiex eskluż li dan l-ġenitur l-ieħor jista' jkun f'pożizzjoni li jieħu ħsieb il-wild b'mod konkret.

2) Huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li għandhom iqajmu *ex officio* u jistabbilixxu l-fatt li l-kustodja effettiva tal-wild tista' tkun assunta mill-ġenitur l-ieħor. Huma dawn l-awtoritajiet li għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, fl-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u tal-aħjar interess tal-wild.

83 — Mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-osservazzjonijiet ippreżentati waqt is-seduta jirriżulta li sabiex jiġi ppruvat li l-missier Olandiż ma jistax jieħu ħsieb il-wild, l-omm ċittadina ta' Stat terz li għandha l-kustodja effettiva għandha tibda, anki kontra l-volontà tagħha, proċedura fid-dritt tal-familja sabiex tiġi stabbilita l-inkapaċità tal-missier li jieħu ħsieb il-wild.